# IT-TIENI SEZZJONI — APPELLI KRIMINALI

13 ta' Jannar, 1947

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Mary Drago

**Sentenza — Nullità — Rekwiżizzjoni — Tiswijiet tal-Fond Rekwiżizzjonat — Drenaġġ — Art. 440 (3) u 394 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk is-sentenza, għalkemm ikun fiha ċitati l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw il-każ, ma jkunx fiha ta' liema fatti nstab ħati l-imputat, jew ikun fiha nuqqas assolut ta' dikjarazzjoni ta' reità, dik is-sentenza tkun nulla; għax dak huwa nuqqas sostanzjali li jġib in-nullità.*

*Il-fatt li fond ikun rekwiżizzjonat ma jfissirx neċessarjament illi t-tiswijiet li jkollu bżonn dak il-fond jinkombu lill-awtorità rekwiżizzjonanti. Mela t-tiswijiet ikunu tali li s-sid huwa dejjem tenut jagħmilhom, apparti mir-rekwiżizzjoni u indipendentement minnha, is-sid ma jistax jirriversa dan l-obligu tiegħu fuq l-awtorità rekwiżizzjonanti, u ntant idaħħal il-kera.*

*It-tiswija ta' difetti fid-drenaġġ ta' fond rekwiżizzjonat tinkombi għal-hekk lis-sid, u mhux lil dik l-awtorità.*

L-imsemmija Drago ġiet imressaqa quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq l-imputazzjoni illi f'dawn il-ġranet, il-Furjana, Magazzini Street, nru. 23, żammet id-drenaġġ fi stat ħażin ta' tiswija;

Fuq din l-imputazzjoni l-imsemmija Qorti t'Isfel ippronunzjat ruħha fit-13 ta' Novembru 1946 fis-sens li kkundannat lill-imputata għall-ammonizzjoni u ripressjoni, u tatha ħmistax-il ġurnata żmien biex tuniforma ruħha mal-liġi taħt penali ta' 2s. 6d. għal kull ġurnata li tonqos;

L-imputata appellat minn din id-deċiżjoni;

L-ewwelnett ġiet eċċepita n-nullità ta' l-istess deċiżjoni. U verament hu hekk; għaliex għalkemm, kuntrarjament għal dak li, evidentement b'inavvertenza, intqal fir-rikors ta' l-appell, fid-deċiżjoni jinsabu ċitati l-artikoli tal-liġi li jikkontem-

plaw il-każ, però ma hemmx ta' liema fatt instabet ħatja l-imputata, anzi hemm nuqqas assolut tad-dikjarazzjoni ta' reità. Dan in-nuqqas "sostanzjali" (arg. art. 440 (3) Kap. 12) jikser id-dispost ta' l-art. 394 u jġib in-nullità (ara Appelli Kriminali "Pulizija vs. Vella" 14 ta' Diċembru 1929; "Portelli vs. Mercieca" 25 ta' Novembru 1931; "Borg vs. Mercieca" 25 ta' Novembru 1931—deċiżjoni finali, f'dawn it-tnejn ta' l-aħħar, fid-9 ta' Diċembru 1931; u "Pulizija vs. Cachia" 25 ta' Settembru 1937);

Għalhekk il-Qorti, wara li rat id-dispost ta' l-art. 440 (3) Kap. 12, tħassar is-sentenza fuq imsemmija, u qiegħda tgħaddi għall-meritu, li ġie debitament trattat;

Ikkunsidrat fil-meritu;

Ġie oppost mid-difiża illi, peress li l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni jinsab rekwiżizzjonat, għalhekk, jekk għandha ssir xi tiswija fid-drenaġġ, din għandha ssir mill-awtorità li rrekwiżizzjonat il-post, jiġifieri mill-Housing Commissioner. Din id-deduzzjoni ma hix sewwa. Ġie infatti ritenut minn din il-Qorti, similment presjeduta, fil-kawża "Pulizija vs. Bugeja", fis-7 ta' Ottubru 1946, b'kumment fuq is-sentenza l-oħra "Pulizija vs. Camilleri" tal-24 ta' Novembru 1945, illi din is-sentenza ta' l-aħħar ma stabbilietx bl-ebda mod illi, bħala massima, it-tiswijiet ta' post rekwiżizzjonat jinkombu lill-Awtorità li tirrekwiżizzjona l-post. Jekk, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, bħal ma kienu dawk tal-każ "Camilleri", in-neċessità ta' dawn it-tiswijiet tinħoloq unikament in konsegwenza tar-rekwiżizzjoni, jew ta' l-użu speċjali li jsir mill-post mill-parti ta' dik l-Awtorità, mingħajr ma s-sid, diversament, kien ikun normalment tenut li jagħmilhom fil-kors ordinarju ta' l-affarijiet u skond il-liġijiet li jimponu dawn l-obbligi lis-sidien, allura jista' jkun hemm lok, dejjem salvi ċirkustanzi speċjali, għall-konklużjoni tas-sentenza "Camilleri". Imma meta si tratta, bħal ma kien il-każ "Bugeja" u bħal ma hu dan il-każ, ta' tiswijiet li s-sid kien dejjem tenut jagħmel apparti r-rekwiżizzjoni u indipendentement minnha, stante l-obligi tiegħu bħala sid taħt il-liġijiet in materja, allura ma jistax is-sid jirriversa dan l-obligu tiegħu fuq ir-"requisitioning authority", u intant idaħħal il-kera. Hu ċar li t-tiswija tad-drenaġġ formanti l-meritu ta' dana l-każ hi obligu ordinarju ta' sid il-kera;

Ikkunsidrat;

Illi, skond ix-xhieda ta' l-ispettur sanitarju Cesareo, l-ilma tal-"lavatory" ta' dan il-fond qiegħed imur fil-bir tal-fond nru. 24 fl-istess triq. Id-difett jikkonsisti filli l-"inspection holes" huma miżdudin, l-ilma tal-"lavatory" jfur, jaqbad kanal, u jmur fil-bir tan-numru 24;

L-imputazzjoni għalhekk hi pruvata;

Konsegwentement din il-Qorti, wara li rat l-art. 104 (1), 313, 314 u 316, tal-Kap. 13, tiddikjara lill-imsemmija Drago ħatja skond it-termini ta' l-imputazzjoni, tikkundannaha għall-piena ta' l-ammonizzjoni u r-riprensjoni, u tagħtiha għoxrin ġurnata żmien mil-lum biex tuniforma ruħha mal-liġi taħt penali ta' 2s. 6d. kuljum għal kull ġurnata li tonqos.